**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' April, 2021.**

**Rikors Nru. 541/2019GM**

**Amanda Dimech KI 182791M**

**vs**

**Aaron Caruana KI 153391M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

> Il-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta' €17,075 oltre l-imgħax legali mill-24 ta' April 2019 rapprezentanti flus li hija vversatlek għat-tkomplija tad-dar tiegħek "Annemarie Court", 2 Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara u li wara dan sfaxxat l-għerusija bejnietkom kif ukoll għal spejjez ta' airconditioner, purtieri, parti mit-television u parti mill-grilioso li twaħħlu fid-dar tiegħek.

Ir-rikorrenti ħallset dawn il-flus b'pagamenti magħmula minnha fil-fond proprjeta` tal-konvenut tramite ċekkijiet miġbuda fuq il-Bank of Valletta plc u msarrfin mill-istess intimat skont Dokumenti "B1 sa B14".

Ir-rikorrenti talbet lill-konvenut b'ittra uffiċjali tal-24 t'April 2019, Dokument "A" biex jirritornalha l-flus li kien hemm minnha mislufa imma huwa rrifjuta li jagħmel dan.

Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u sa fejn taf l-esponenti u l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida x'jagħti in konnessjoni mat-talbiet attriċi.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. **Tipproċedi** għas-sentenza skont it-talba tal-attriċi bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Tikkundanna** lill-konvenut sabiex iħallasha u jirrifondilha s-somma ta' €17,075 oltre l-imgħax legali mill-24 ta' April 2019 rapprezentanti flus minnha mislufa tramite l-għerusija tagħha mal-konvenut għat-tkomplija tad-dar proprjeta' tiegħu u ċioe "Annemarie Court", Flat 2, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' April 2019, Dokument "A" u tal-mandat ta' sekwestru numru /2019 li ġie pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. It-talbiet tal-attriċi huma preskritti a tenur tad-disposizzjonijiet naxxenti mill-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Mhuwiex minnu illi huwa debitur tal-attriċi fis-somma ta' sbatax-il elf u hamsa u sebgħin ewro rapprezentanti flus li ġew ivversati għat-tkomplija tad-dar u spejjez għal oġġetti oħra.

3. Mhuwiex minnu illi l-attriċi ivversat dawn il-flus sabiex l-esponenti jkompli d-dar tiegħu ġewwa 'Annemarie Court', 2, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara iżda dawn il-flus kienu intenzjonati biss għall-preparazzjoni u tneħħija u anke bookings relatati mat-tieġ illi kien ppjanat illi jsir bejn il-partijiet liema tieġ ma seħħx minhabba tortijiet imputabbli lill-attriċi.

4. Mhuwiex minnu għalhekk illi huwa debitur f'dak l-ammont stante illi ħafna mill-oġġetti ħallas għalihom hu fosthom it-televixin u oġġetti bħal purtieri illi mhuwiex minnu illi ħallset għalihom l-attriċi.

5. L-uniċi ammonti illi huma dovuti huma parti mill-ħlas tal-griglioso u ċioe' l-ammont ta' €85 u l-ammont ta' €2,040 rapprezentanti tnax-il pagament ta' €170 kull darba illi l-attriċi għamlet bħala ħlas ta' loan illi kienu ħadu l-partijiet.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-ewwel talba ġiet miċħuda permezz ta' provvediment waqt l-udjenza tat-2 ta' Lulju 2019.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tiġi aċċettata għax kif inhu sewwa magħruf, il-Qorti ma tistax tqanqal eċċezzjonijiet ex officio u wisq inqas tista' tiġi mistiedna tfittixhom hi permezz ta' maratona madwar il-Kodiċi Ċivili kollu.

Ikkunsidrat:

Din hija kawża għar-rifużjoni ta' €17,075 ivversati mill-attriċi lill-konvenut waqt għerusija li sfaxxat fix-xejn. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar it-trasferiment ta' dawn il-flus, għaliex dan sar permezz ta' ċekkijiet indirizzati lill-konvenut u msarrfin minnu. Il-kwistjoni hi fejn marru.

Fir-rikors maħluf tagħha, l-attriċi tgħid li dawn ħarġithom għat-tkomplija ta' dik li kellha tkun id-dar konjugali iżda proprjeta` tal-konvenut u għal *airconditioner*, purtieri, parti mit-television u parti mill-grilioso li tpoġġew fl-istess dar. Il-konvenut jgħid, fir-tweġiba maħlufa tiegħu, li dawn il-flus kienu ddestinati biss għat-tieġ li ma seħħx tort tal-attriċi. Li ħafna mill-oġġetti tad-dar ħallas għalihom hu fosthom it-televiżjoni u l-purtieri. Li l-attriċi ħallset biss €85 għall-grilioso u €2,040 (12-il pagament ta' €170) ħlas tal-loan mal-Bank.

Waqt is-smigħ tal-kawża varja l-verżjoni oriġinali billi qal li parti mill-flus li għaddietlu l-attriċi kienu intiżi għad-diversi safriet li kienu jagħmlu ta' spiss, kif ukoll *weekend breaks*.

Jirriżulta li:

Ir-relazzjoni bdiet fit-2009 u spiċċat f'April 2016. Iż-żwieġ kien ippjanat għat-28 ta' Mejju 2016.

Fit-22 t'Awwissu 2013 sar l-ewwel booking konness mat-tieġ għas-sala Promontorio. Sar depożitu ta' €1,000 permezz ta' ċekk mill-konvenut.[1]

Fit-3 ta' Settembru 2013 sar it-tieni *booking* – tal-ikel – mal-Busy Bee. Tħallas depożitu ta' €700 permezz ta' ċekk maħruġ mill-konvenut.[2]

Skont l-attur, kien minħabba dawn id-depożiti, u spejjeż oħrajn relatati mat-tieġ, li Amanda għaddietlu "diversi ċekkijiet fosthom anke dak datat 12 ta' Diċembru 2013, li jammonta għal €5,000.[3]

L-attriċi għaddiet lill-konvenut ċekkijiet oħrajn sabiex isiru btajjel fosthom fi Trapani u Barcellona, billi, skontu, ma kellhiex Visa. Fil-fatt jirriżulta li kellha Visa; il-konvenut irribatta li kienet tgħidlu li Visa ma kellhiex.

Skont il-konvenut, ħallas għal ħwejjeġ varji tal-attriċi, u taha diversi rigali.[4]

L-attriċi esibiet fotokopji informi ta' dawn iċ-ċekkijiet tal-Bank of Valletta maħruġin favur il-konvenut:

| FOL | DATA | € | SPJEGAZZJONI TAL-KONVENUT |
|---|---|---|---|
| 12 | 16.03.2014 | 1,400 | Rigal tal-birthday tiegħu, li hu f'dik id-data |
| 13 | 09.02.2015 | 750 | Ma jafx għalxiex kien għalkemm isostni li aktarx kien marbut mas-safar[5] |
| 14 | 01.12.2014 | 1,700 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |

[1] Ritratt tal-mamma taċ-ċekkk esibit a fol 48
[2] ritratt tal-mamma taċ-ċekk esibit a fol 49
[3] affidavit tal-attur a fol 44
[4] ibid.
[5] Kontro-eżami a fol 119

| | | | |
|---|---|---|---|
| 15 | 11.10.2014 | 400 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |
| 16 | 25.09.2014 | 800 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |
| 17 | 15.07.2014 | 1000 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |
| 18 | 17.06.2014 | 600 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |
| 19 | 21.05.2014 | 1,500 | Aktarx marbut mas-safar/ weekend breaks f'Għawdex |
| 20 | 12.12.2013 | 5,000 | Konnessi mat-tieġ[6] |
| | | | |

(1) Fl-14 t'Ottubru 2014 l-appartament ingħata b'donazzjoni fi stat ta' ġebel u saqaf lill-konvenut minn ommu.

(2) Il-koppja ħadet *loan* biex tlesti l-post. Ma ġiex esibit il-kuntratt tal-loan u lanqas prova tal-ammont ta' dan il-loan. Skont il-konvenut, dan kien ikopri wkoll il-bibien, l-għamara inkluż kamra tas-sodda, kċina u l-appliances. Jgħid li ċ-ċekkijiet juru xi tħallas; kien imur il-bank bil-kontijiet u l-bank iħallas. Iżda minn dawn m'hemm xejn esibit.[7] L-attriċi ħallset 12-il pagament ta' €170 l-wieħed bejn it-24 ta' Marzu 2015 u t-23 t'April 2016. F'dan il-perjodu, jidher li l-konvenut ħallas bejn wieħed u ieħor l-istess ammont.

(3) Il-konvenut, assistit minn missieru, qatta' t-trinek tad-dawl u l-ilma filwaqt li zijuh (ħu missieru) li hu *electrician* illiċenzjat, għadda d-dawl b'xejn. L-attriċi ssostni li anke hi kienet tqatta' t-trinek; missier il-konvenut jiċħad dan bil-qawwa kollha.

[6] kontro-eżami tal-konvenut fol 130, 139,140,141
[7] Fol 153 u fol 215 il-konvenut in kontro-eżami

(4) il-purtieri nxtraw mill-konvenut u nħietu minn ommu.[8]

(5) l-attriċi ħallset €85 depożitu tal-Grilioso li spiċċa kkunsinnat għand il-ġenituri tal-konvenut u l-bilanc ħallsu hu.

(6) inxtaw 2 televisions; wieħed xtratu l-attriċi u ħaditu lura; it-television l-ieħor kien imħallas mill-konvenut għalkemm irreġistrat f'isem l-attriċi.[9]

(7) Omm Amanda tat €1,000 lill-konvenut biex jixtri l-aircondition. Skont il-konvenut, dan iżda sar biex jikkumpensa għal serviġi li rrendielha, anke jekk il-valur tagħhom kien ferm ikbar.[10]

(8) Fi tmiem ir-relazzjoni, fuq talba ta' spettur inkarikat mill-affarijiet interni tal-pulizija – peress li kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut kienu pulizija – il-konvenut irritorna l-ħwejjeġ kollha mixtrija mill-attriċi u li kienu jinstabu fil-post. L-attriċi ħadet saħansitra ħwejjeġ mixtrija mill-konvenut iżda dan ma tkellimx biex ma jqajjimx iktar kwistjonijiet.[11]

Ikkunsidrat:

L-appartament ingħata b'donazzjoni fl-14 t'Ottubru 2014, u x-xogħol ta' finishing, skont il-konvenut mhux kontradett[12], beda wara din id-data. Għalhekk, iċ-ċekkijiet li l-attriċi ħarġet qabel din id-data qajla setgħu jkunu kontribuzzjonijiet għat-tlestija tad-dar. Billi t-talba għar-rifużjoni tal-flus hija espiċitament marbuta mal-premessa unika ta' kontribuzzjonijiet għat-tlestija tal-appartament dawn iċ-ċekkijiet imorru lil hinn minn dak mitlub, u li kieku l-

[8] affidavit tal-attur a fol 45
[9] affidavit tal-attur a fol 45
[10] affidavit tal-attur a fol 46
[11] affidavit tal-attur a fol 47
[12] affidavit tal-attur a fol 45: "kien wara din il-ġurnata illi kienu bdew isiru x-xogħlijiet min-naħa tiegħi ġewwa l-istess appartament."

Qorti kellha tilqagħhom, kienet tippekka mid-difett tal-*extra petita* u ċjoe` tiddeċiedi fuq xi ħaġa mhux imdaħħla fid-domanda.

Rigward iċ-ċekkijiet b'dati wara l-14 t'Ottubru 2014, l-attriċi m'għarfitx tgħid speċifikament għal liema xogħlijiet kienu immirati. Qalet li hi kienet tħalli f'idejn il-konvenut. Il-konvenut jgħid li l-attriċi ma ħarġet xejn għat-tlestija tal-appartament, billi kollox tħallas mil-loan, kif jirriżulta mill-bank drafts maħruġin mill-bank. B'danakollu, huwa naqas li jġib l-aħjar prova permezz ta' statement mill-bank – mhux xi ħaġa diffiċli li jagħmel. Jidher li l-attriċi kienet toħroġ almenu sehemha għall-attivitajiet ta' divertiment; għat-tieġ; u mir-repayments tal-loan. Il-Qorti ma tarax l-għala m'għandhiex tippreżumi li ħarġet ukoll sehemha mill-ispejjeż tal-appartament. Setgħet sburżjat flus fi flus kontanti, apparti ċekkijiet. Hemm ukoll l-€1,000 maħruġin minn omm l-attriċi għall-aircondition, ġja msemmija. Imma anke hawn il-Qorti hi marbuta bil-premessa tal-attriċi fir-rikors maħluf tagħha li hi ħallset permezz ta' ċekkijiet li ġew esibiti. Il-Qorti ma tistax teskludi li ċ-ċekkijiet ta' wara l-14 t'Ottubru 2014 kienu wkoll għad-divertiment iżda mhix sejra tirrikorri għal *guesswork*. Il-konvenut, fit-tweġiba maħlufa, għażel li jistqarr bil-ġurament tiegħu li dawn iċ-ċekkijiet kienu kontribuzzjonijiet għat-tieġ; filwaqt li waqt is-smigħ tal-kawża ħalef li dawn setgħu kienu għad-divertiment. Apparti li anke hawn il-Qorti ma tistax tmur lil hinn mill-eċċezzjoni formali kif mogħtija fit-tweġiba maħlufa; fid-dawl ta' din l-inkonsistenza tax-xhieda tal-konvenut biex jispjega l-pagamenti relattivi tagħżel li taċċetta l-verżjoni tal-attriċi – anke jekk il-Qorti xejn ma hi impressjonata bil-fatt, ġja` espost, li l-attriċi ippreżentat ċekkijiet li mhux verosimili li kienu intiżi għat-tlestija tal-appartament.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn dawn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

2. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba billi din diġa` ġiet miċħuda.

3. tilqa' in parte t-tieni talba billi **tikkundanna** lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €4,575 oltre l-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv rappreżentanti flus minnha maħruġin waqt l-għerusija tagħha mal-konvenut għat-tkomplija tad-dar proprjeta' tiegħu u ċioe "Annemarie Court", Flat 2, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' April 2019, Dokument "A" u tal-mandat ta' sekwestru li ġie pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, terz għall-konvenut u żewġ terzi għall-attriċi.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMHALLEF